MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 489/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR WALTER SPITERI**

**VS**

**CARMELO CUTAJAR;**
**MARCO MAGRO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Cutajar, ta’ 47 sena, bin il-mejjet Carmelo u l-mejta Pawla, nee’ Abdilla, imwieled iz-Zurrieq nhar il-11 ta’ Awissu, 1957, u residenti fil-fond PaulCarm, Triq San Pawl, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 548257 (M);

U Marco Magro, ta’ 38 sena, bin Celestino u Maria nee’ Zammit, imwieled l-Imqabba nhar is-17 ta’ Marzu, 1967, u

residenti fil-fond Gardenia, Triq il-Qrendi, Imqabba, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 221767 (M);

Akkuzai talli f’Hal-Safi, nhar it-22 ta’ Novembru, 2003, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli fl-istess jum, u lok, xjentement issoprimew jew b’xi mod iehor qerdu jew biddlu t-tracci jew l-indizji ta’ reat, bi ksur tal-Artikolu 111 (2), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 111 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmija mputati Carmelo Cutajar u Marco Magro hatja tal-akkuzi kif dedotti kontiehom u ghaldaqstant qiegheda tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------